



Brussell, 16 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15558/23

ENT 244
MI 992
COMPET 1127
IND 604
CONSOM 412
DELECT 182

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 7486 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 10.11.2023 dwar il-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni, mingħajr ittestjar, ta' pannelli u tlibbis tal-injam mastizz fir-rigward tar-reazzjoni tagħhom għan-nar u li temenda d-Deċiżjoni 2006/213/KE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2023) 7486 final.

Mehmuż: C(2023) 7486 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.11.2023
C(2023) 7486 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 10.11.2023

dwar il-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni, mingħajr ittestjar, ta' pannelli u tlibbis tal-injam mastizz fir-rigward tar-reazzjoni tagħhom għan-nar u li temenda d-Deċiżjoni 2006/213/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE¹, jinkludi l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati li jistabbilixxu klassijiet ta' prestazzjoni b'rabta mal-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti għall-bini. Ir-Regolament jipprevedi wkoll li l-manifatturi tal-prodotti għall-bini jeħtieġ li ma jkunux soġġetti għal piżijiet jew kostijiet amministrattivi żejda. Speċifikament, kif previst fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, il-Kummissjoni għandha tagħżel l-inqas sistema oneruża għall-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni, li fl-istess ħin xorta tista' tissodisfa l-ħtiġijiet tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-ambjent kif xieraq.

Meta l-prestazzjoni ta' ċerti prodotti għall-bini tkun diġà ntweriet b'mod suffiċjenti minn riżultati stabbli ta' testijiet jew minn *data* eżistenti oħra, il-manifatturi ta' dawn il-prodotti għandhom jitħallew, skont il-kundizzjonijiet li jridu jiġu speċifikati, jiddikjaraw ċerta klassi ta' prestazzjoni mingħajr testijiet jew aktar testijiet ta' dawn il-prodotti kif previst fl-Artikolu 27(5) u fl-Artikolu 36(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011. Din il-proċedura simplifikata tnaqqas aktar il-piżijiet u l-kostijiet amministrattivi tal-manifatturi. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/213/KE² diġà stabbiliet klassijiet tal-prestazzjoni tar-reazzjoni għan-nar għall-pannelli u l-kisi minn barra tal-injam mastizz. It-Tabella 2 tal-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ppreżentat il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-klassifikazzjoni mingħajr ħtieġa ta' aktar testijiet għal dawn il-prodotti. F'dik it-tabella, id-dettall tal-prodott imsemmi huwa "Biċċiet tal-injam b'ħanek għall-irbit (tongue and groove jew mighajru u b'wiċċ tal-kurrenti)" u "Biċċiet tal-injam imwaħħla fuq qafas" B'hekk, it-tabella attwali ma tispeċifikax b'mod espliċitu li l-prestazzjoni stabbli u prevedibbli ppruvata dwar ir-reazzjoni għan-nar ta' dawk il-prodotti hijiex, fil-kundizzjonijiet stabbiliti, garantita biss għal biċċiet tal-injam mhux ittrattati.

Madankollu, ġie ċċarat, kif appoġġat ukoll mill-Kumitat Tekniku rilevanti tas-CEN³ u l-Gwida tal-Grupp ta' Korpi Notifikati⁴, li t-Tabella 2 tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/213/KE għandha tiġi applikata biss għal pannelli u tlibbis tal-injam mastizz mhux ittrattat⁵. L-esperjenza u l-għarfien espert, kif ukoll il-konsultazzjonijiet tal-gruppi ta' esperti mwettqa, ikkonfermaw li, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti, il-pannelli u t-libbis tal-injam mastizz għandhom prestazzjoni stabbli u prevedibbli fir-rigward tar-reazzjoni għan-nar biss meta l-biċċiet tal-injam mastizz ma jiġux ittrattati.

Għall-finijiet ta' ċertezza legali u l-applikazzjoni uniformi tal-liġi, jenħtieġ li dik il-kundizzjoni tiġi speċifikata b'mod espliċitu fl-att ta' klassifikazzjoni. It-Tabella 2 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2006/213/KE jenħtieġ li għalhekk titħassar u minflokha japplika l-Anness ta' dan ir-Regolament.

¹ ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

² ĠU L 79, 16.3.2006, p. 27.

³ CEN/TC175 "Injam isserrat u ċirku" WG 38.

⁴ Grupp ta' Korpi Notifikati — Punt 0272 tal-Bażi ta' Gwida tas-CPR.

⁵ L-injam immixxeff fil-forn għandu jitqies bħala mhux ittrattat.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-abbozz tar-Regolament ġie diskuss l-ewwel darba fil-laqgħa tal-Grupp ta' Konsulenza dwar il-Prodotti għall-Bini⁶ fil-21 ta' Novembru 2022 u tressaq għal konsultazzjoni bil-miktub tal-esperti bejn il-22 ta' Novembru u t-28 ta' Novembru 2022. Dan ġie diskuss ukoll fil-laqgħa tal-Grupp Konsultattiv dwar il-Prodotti għall-Bini tal-15 ta' Frar 2023. Qabel dawn il-passi, l-Istati Membri kollha ngħataw l-opportunità li jinnominaw esperti biex jipparteċipaw fihom. Minbarra dawn l-esperti, ġew ikkonsultati wkoll partijiet ikkonċernati esterni oħra. Id-dokumenti li ġew diskussi fil-Grupp Konsultattiv dwar il-Prodotti għall-Bini u li kienu rilevanti għall-konsultazzjoni bil-miktub ġew trażmessi simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif previst fil-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati. Waqt it-tnejnija tal-verżjoni finali tal-abbozz ta' dan l-att għall-konsultazzjoni interservizz tqiesu wkoll l-osservazzjonijiet ippreżentati f' dawn il-kuntesti.

Ġie ppubblikat għar-reazzjonijiet tal-pubbliku fuq il-Portal ta' Regolamentazzjoni Aħjar mill-24 ta' April sat-22 ta' Mejju 2023. Skont il-kummenti li waslu, id-dħul fis-seħħ iddewwem biex jiġi żgurat li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro u żgħar, ikollhom biżżejjed żmien biex jivverifikaw kwalunkwe impatt possibbli fl-attivitajiet tagħhom. Ġiet inkluzja kjarifika addizzjonali fit-tabella biex jiġi żgurat li l-kelma taraġ tinftiehem li tapplika biss għat-turġien.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, il-klassijiet ta' prestazzjoni jistgħu jiġu stabbiliti b'rabta mal-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti għall-bini. Skont l-Artikolu 27(1), dan jista' jsir permezz ta' atti delegati tal-Kummissjoni, filwaqt li l-Artikolu 27(2) jippermetti l-użu ta' standards armonizzati għal dan l-għan.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 27(5), il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom prodott għall-bini għandu jitqies li jilħaq ċerta klassi ta' prestazzjoni mingħajr testijiet jew aktar testijiet, sabiex jiġi evitat ittestjar żejjed ta' prodotti għall-bini li l-prestazzjoni tagħhom tkun diġà ntweriet b'mod suffiċjenti minn riżultati stabbli ta' testijiet jew *data* oħra eżistenti.

Dawn il-kundizzjonijiet għandhom għalhekk jiġu ssodisfati meta manifattur ikun jixtieq jibdel l-ittestjar tat-tip tal-prodott tiegħu b'dawn il-livelli jew b'dawn il-klassijiet ta' prestazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 36(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011.

Is-sistema Ewropea ta' klassifikazzjoni stabbilita bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/364⁷, rigward ir-reazzjoni għan-nar tal-prodotti għall-bini, b'mod partikolari t-Tabella 1 tal-Anness tiegħu, hija applikabbli għall-pannelli u t-tlibbis tal-injam mastizz.

Skont l-għarfien espert u l-konsultazzjonijiet tal-gruppi ta' esperti mwettqa, il-prestazzjoni tar-reazzjoni għan-nar ta' pannelli u tlibbis tal-injam mastizz, fi ħdan il-klassifikazzjoni prevista għar-Regolament Delegat (UE) 2016/364, hija stabbilita sew meta l-injam mastizz ma jiġix ittrattat⁸. Għal din ir-raġuni, il-prestazzjoni tar-reazzjoni għan-nar ta' dawn il-prodotti tista' titqies, mingħajr il-bżonn ta' ttestjar ieħor, li tikseb ċerta klassi ta' prestazzjoni, kif definit fis-sistema ta' klassifikazzjoni Ewropea msemmija hawn fuq.

⁶ Il-kodiċi E01329 fir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni u Entitajiet Oħra Simili.

⁷ ĠU L 68, 15.3.2016, p. 4.

⁸ L-injam immixxef fil-forn għandu jitqies bħala mhux ittrattat.

Ir-Regolament delegat huwa konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, billi l-adozzjoni ta' att delegat huwa l-aktar mod effiċjenti biex jinkiseb ir-riżultat mixtieq, itaffu l-piżijiet amministrattivi u tibqa' tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali. Għall-atturi tas-suq, dan itaffi l-obbligi amministrattivi stipulati mir-Regolament (UE) Nru 305/2011, dwar l-ittestjar ta' prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 10.11.2023

dwar il-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni, mingħajr ittestjar, ta' pannelli u tlibbis tal-injam mastizz fir-rigward tar-reazzjoni tagħhom għan-nar u li temenda d-Deċiżjoni 2006/213/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jstabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 27(5), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/364 kienet adottata sistema għall-klassifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini rigward ir-reazzjoni tagħhom għan-nar². Il-pannelli u t-libbis tal-injam mastizz huma fost il-prodotti għall-bini li għalihom japplika dak ir-Regolament Delegat.
- (2) It-Tabella 2 tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/213/KE³ stabbiliet il-klassijiet tal-prestazzjoni tar-reazzjoni għan-nar għall-pannelli u t-libbis minn barra tal-injam mastizz. Il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni għal dawk il-prodotti jeħtieġ li jiġu ċċarati sabiex l-applikazzjoni tagħha tiġi limitata b'mod espliċitu biss għall-injam mhux ittrattat.
- (3) It-testijiet urew li l-pannelli u t-libbis tal-injam mastizz għandhom prestazzjoni stabbli u prevedibbli f'termini ta' reazzjoni għan-nar sakemm jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet rigward id-densità medja minima tal-injam, il-ħxuna minima tal-profil u l-użu aħħari tal-prodott, u li l-injam ma jkun soġġett għal ebda tip ta' trattament għajr dak tat-tnixxif fil-form.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-pannelli u t-libbis tal-injam mastizz jitqiesu li jissodisfaw ċerta klassi ta' prestazzjoni għar-reazzjoni għan-nar stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2016/364 f'dawk il-kundizzjonijiet kollha mingħajr ma jkun meħtieġ aktar ittestjar.

¹ ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/364 tal-1 ta' Lulju 2015 dwar il-klassifikazzjoni tal-prestazzjoni tar-reazzjoni għan-nar tal-prodotti għall-bini skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 68, 15.3.2016, p. 4).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/213/KE tas-6 ta' Marzu 2006 li tistabbilixxi l-kategoriji ta' prestazzjoni fir-rigward tar-reazzjoni għan-nar għal ċerti prodotti tal-bini li għandhom x'jaqsmu mal-injam għall-kisi tal-art u tal-ħitan minn ġewwa u minn barra (ĠU L 79, 16.3.2006, p. 27) (Verżjoni MT: ĠU L 118 M, 8.5.2007, p. 445)

- (5) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, it-Tabella 2 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2006/213/KE jenħtieġ li titħassar u tiġi sostitwita bl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-pannelli u t-tlibbis tal-injam mastizz.
- (6) Sabiex il-manifatturi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u mikro, jingħataw biżżejjed żmien biex jivvalutaw l-effett ta' dan ir-Regolament fl-attivitajiet tagħhom, jenħtieġ li d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ikun 90 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Pannelli u tlibbis tal-injam mastizz li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-klassijiet ta' prestazzjoni indikati fl-Anness mingħajr ittestjar.

Artikolu 2

It-Tabella 2, inklużi ċ-ċifri (a) u (b), tal-Anness tad-Deċiżjoni 2006/213/KE titħassar u tiġi sostitwita bit-tabella, u l-figuri (a) u (b), stabbiliti fl-Anness.

Ir-referenzi għat-Tabella 2, u ċ-ċifri (a) u (b), tal-Anness tad-Deċiżjoni 2006/213/KE għandhom jinftiehem bħala referenzi għat-tabella u ċ-ċifri stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-90 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10.11.2023

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN